MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tal-5 ta' Frar, 2009

Numru 26/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Joseph Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 26 tas-sena 2007 kontra l-akkuzat Joseph Zammit, li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi f'xi zmien fis-sajf tas-sena elfejn (2000) certu Richard Grech dahhalha f'rasu li jaghmel serqa tajba mill-*Bank of Valletta* ta' San Gwann. Ghalhekk huwa tkellem ma' xi persuni ohra, fosthom l-akkuzat Joseph Zammit, li accettaw li jghinuh f'din l-operazzjoni. Fit-18 ta' Settembru ta' dik is-sena, ftit wara l-hamsa ta' filghodu, Joseph Zammit flimkien ma' Richard Grech u zewg persuni ohra marru bil-karozza hdejn il-*Bank of Valletta* ta' San Gwann biex jistennew lil messaggier tal-bank u jisirqulu l-oggetti li jkollu fuqu. Ghall-habta tal-hamsa u

nofs tfacca l-messaggier tal-bank Alphonse Ferriggi sabiex jiddepozita xi basktijiet gewwa kaxxa apposita li tinstab mal-faccata ta’ dan il-bank. Kif nizel mill-vettura w fetah il-*luggage booth* u hareg il-basktijiet, l-akkuzat u l-persuni li kienu mieghu hargu mill-vettura taghhom, ippuntaw senter lejn Ferriggi w, dolozament, bil-hsieb li joqtluh jew iqieghdulu hajtu f’periklu car, tawh tir go rasu. Alphonse Ferriggi miet ftit minuti wara kawza tal-griehi li sofra. B’hekk Joseph Zammit heles mill-uniku xkiel li kellu biex jikkommetti s-serqa ppjanata.

Illi b’ghemilu l-imsemmi Joseph Zammit sar hati ta’ omicidju volontarju w cioè talli, dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f’periklu car, ikkagunalha l-mewt.

Illi b’sentenzi tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija v. Joseph Zammit” tat-22 ta’ Lulju, 1996 u ta’ l-4 ta’ Marzu, 1998, l- akkuzat Joseph Zammit instab hati ta’ diversi delitti.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill- imsemmi Joseph Zammit, recidiv f’delitt, hati ta’ omicidju volontarju w cioè talli, dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f’periklu car, ikkagunalha l-mewt.

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta’ prigunerija ghall-ghomru, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 211(1)(2), 49, 50, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija ta’ l- imsemmi akkuzat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi f’xi zmien fis-sajf tas-sena elfejn (2000) certu Richard Grech dahhalha f’rasu li jaghmel serqa tajba mill-*Bank of Valletta* ta’ San Gwann. Ghalhekk huwa tkellem ma’ xi persuni ohra, fosthom l-akkuzat Joseph Zammit, li accettaw li jghinuh f’din l-operazzjoni. In esekuzzjoni ta’ dan il-hsieb nefarju tieghu, fit-18 ta’ Settembru ta’ dik is-sena, ftit wara l-hamsa ta’ filghodu, Joseph Zammit

flimkien ma’ Richard Grech u zewg persuni ohra marru bil-karozza hdejn il-*Bank of Valletta* ta’ San Gwann biex jistennew lill-messaggier tal-bank u jisirqulu l-oggetti li jkollu fuqu. Ghall-habta tal-hamsa u nofs, u cioè qabel it-tlugh tax-xemx, tfacca l-messaggier tal-bank Alphonse Ferriggi sabiex jiddeposita xi basktijiet gewwa kaxxa appozita li tinstab mal-faccata ta’ dan il-bank. Kif nizel mill-vettura w fetah il-*luggage booth* u hareg il-basktijiet, l-akkuzat u l-persuni li kienu mieghu, li kienu kollha mghammdin, hargu mill-vettura taghhom, ippuntaw senter lejn Ferriggi w, dolozament, bil-hsieb li joqtluh jew iqieghdulu hajtu f’periklu car, tawh tir go rasu w qatluh biex b’hekk eliminaw kull xkiel li seta’ jkollhom fl-esekuzzjoni tas-serqa ppjanata. Huma mbaghad hadu w serqu tlett basktijiet, a dannu w kontra l-volontà tas-sidien tal-*Bank of Valletta* w ta’ persuni ohra. Dawn il-basktijiet kienu jikkontjenu biss materjal tal-posta.

Illi b’ghemilu l-imsemmi Joseph Zammit sar hati ta’ serq, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, mezz u hin.

Illi b’sentenzi tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija v. Joseph Zammit” tat-22 ta’ Lulju, 1996 u ta’ l-4 ta’ Marzu, 1998, l-akkuzat Joseph Zammit instab hati ta’ diversi delitti.

Illi b’ghemilu l-imsemmi Joseph Zammit, recidiv f’delitt, sar hati ta’ serq, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, mezz u hin.

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta’ prigunerija ghall-ghomru, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(a)(b)(f), 262(1)(a)(b), 263(b), 270, 272, 275, 49, 50, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija ta’ l-imsemmi akkuzat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fiz-zmien u fic-cirkostanzi msemmija fl-ewwel u fit-tieni kap ta’ dan l-att ta’ akkuza, u cioè nhar it-18 ta’ Settembru tas-sena elfejn (2000) ghall-habta tal-

hamsa u nofs ta’ filghodu gewwa San Gwann, l-akkuzat Joseph Zammit, flimkien ma’ persuni ohra, ppuntaw senter lejn Alphonse Ferriggi u ftit mumenti wara tawh tir go rasu u qatluh. F’dawk il-ftit mumenti Ferriggi gie mizmum kontra l-volontà tieghu w l-libertà tieghu ta’ moviment giet impeduta. L-akkuzat ma kellux ordni skond il-ligi ta’ l- awtorità kompetenti, w ic-cirkostanzi ma kienux fost dawk li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lil xi hadd.

Illi b’ eghmilu l-imsemmi Joseph Zammit sar hati talli, bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorità kompetenti, w barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volontà taghha, jew ta post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata.

Illi b’sentenzi tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija v. Joseph Zammit” tat-22 ta’ Lulju, 1996 u ta’ l-4 ta’ Marzu, 1998, l- akkuzat Joseph Zammit instab hati ta’ diversi delitti.

Illi b’ eghmilu l-imsemmi Joseph Zammit, recidiv f’delitt, sar hati talli, bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorità kompetenti, w barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volontà taghha, jew ta post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata.

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat w illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta’ prigunerija minn disa’ xhur sa tliet snin, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 86, 49, 50, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija ta’ l-imsemmi akkuzat.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba’ Kap illi fiz-zmien u fic-cirkostanzi msemmija fil-kapi precedenti ta’ dan l-att ta’ akkuza, w cioè nhar it-18 ta’ Settembru tas-sena elfejn (2000) ghall-habta tal-hamsa w nofs ta’ filghodu gewwa San Gwann, l-akkuzat Joseph Zammit flimkien ma’ persuni ohra, gewwa t-toroq ta’ San Gwann,

dolozament, bil-hsieb li joqtlu lil Alphonse Ferriggi jew li jqieghdulu hajtu f'periklu car, tawh tir ta' senter go rasu w fil-fatt qatluh. Fil-mument ta' dan id-delitt, l-akkuzat kellu fuq il-persuna tieghu arma tan-nar, liema arma giet effettivament uzata fil-kommissjoni ta' l-imsemmi delitt volontarju kontra l-persuna ta' Alphonse Ferriggi.

Illi b' eghmilu l-imsemmi Joseph Zammit sar hati talli, fil-hin li ghamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari, w dan minghajr ghan legittimu.

Illi b'sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Joseph Zammit" tat-22 ta' Lulju, 1996 u ta' l-4 ta' Marzu, 1998, l-akkuzat Joseph Zammit instab hati ta' diversi delitti.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Joseph Zammit, recidiv f'delitt, hati talli, fil-hin li ghamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar u arma regolari, w dan minghajr ghan legittimu.

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat w illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn tliet snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 26(a) ta' l-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 66) [illum artikolu 55(a) ta' l-Att dwar l-Armi (Kap. 480)], u l-artikoli 49, 50, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

5. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fil-Hames Kap illi fiz-zmien u fic-cirkostanzi msemmija fil-kapi precedenti ta' dan l-att ta' akkuza, w cioè nhar it-18 ta' Settembru tas-sena elfejn (2000) ghall-habta tal-hamsa w nofs ta' filghodu gewwa San Gwann, l-akkuzat Joseph Zammit flimkien ma' persuni ohra, fi triq pubblika f'San Gwann, spara arma tan-nar kif fuq spjegat, minghajr ma kien debitament licenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija biex jaghmel hekk.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Joseph Zammit sar hati talli, minghajr licenzja tal-Pulizija, spara arma tan-nar f'post abitat, jew fi qrib tieghu, jew fit- toroq pubblici, jew fil-portijiet.

Illi b'sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Joseph Zammit" tat-22 ta' Lulju, 1996 u ta' l-4 ta' Marzu, 1998, l- akkuzat Joseph Zammit instab hati ta' diversi delitti.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill- imsemmi Joseph Zammit, recidiv f'delitt, hati talli, minghajr licenzja tal- Pulizija, spara arma tan-nar f'post abitat, jew fi qrib tieghu, jew fit-toroq pubblici, jew fil-portijiet.

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat w illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn disa' xhur u multa ta' mhux anqas minn ghoxrin lira w mhux izjed minn mitejn lira skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 24(2), 33(1) u 29 ta' l- Ordinanza dwar l-Esplozivi (Kap. 33), u l-artikoli 49, 50, 23 u 533 tal- Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

6. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fis-Sitt Kap illi fiz-zmien u fic- cirkostanzi msemmija fil-kapi precedenti ta' dan l-att ta' akkuza, w cioè nhar it-18 ta' Settembru tas-sena elfejn (2000) ghall-habta tal-hamsa w nofs ta' filghodu gewwa t-toroq pubblici ta' San Gwann, l-akkuzat Joseph Zammit kellu f'idejh arma tan-nar u munizzjon minghajr ma kien debitament licenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija. Huwa fil-fatt, flimkien ma' persuni ohra, spara din l-arma kif intqal fil-kapi precedenti.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Joseph Zammit sar hati talli, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew kellu f'idejh jew fuqu, xi

arma tan-nar jew munizzjon barra mill-fond jew post li jaghmel mieghu.

Illi b'sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Joseph Zammit" tat-22 ta' Lulju, 1996 u ta' l-4 ta' Marzu, 1998, l- akkuzat Joseph Zammit instab hati ta' diversi delitti.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill- imsemmi Joseph Zammit, recidiv f'delitt, hati talli, minghajr licenzja tal- Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew kellu f'idejh jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjon barra mill-fond jew post li jaghmel mieghu.

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat w illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' hames xhur sa tliet snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 3(1A) ta' l-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 66) [illum artikoli 5(1) u 51(2) ta' l-Att dwar l-Armi (Kap. 480)], u l-artikoli 49, 50, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

7. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fis-Seba' Kap illi fiz-zmien u fic- cirkostanzi msemmija fil-kapi precedenti ta' dan l-att ta' akkuza, w cioè nhar it-18 ta' Settembru tas-sena elfejn (2000) ghall-habta tal-hamsa w nofs ta' filghodu gewwa San Gwann, l-akkuzat Joseph Zammit, flimkien ma' persuni ohra, volontarjament sparaw tir ta' senter lejn Alphonse Ferriggi w ghamlu hsara volontarja fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBF-192 li kienet qed tintuza mill-imsemmi Ferriggi. Din il-vettura kienet proprjetà tas-sidien tal-*Bank of Valletta* w ta' persuni ohra. Saret hsara wkoll f'bieb tal-bank tant li kellu jinbidel. Il-hsara kienet tammonta komplessivament ghal izjed minn hamsin lira izda mhux izjed minn hames mitt lira.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Joseph Zammit sar hati talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, l-ammont ta'

liema hsara ma jiskorrix hames mitt lira, imma hu izjed minn hamsin lira.

Illi b'sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Joseph Zammit" tat-22 ta' Lulju, 1996 u ta' l-4 ta' Marzu, 1998, l-akkuzat Joseph Zammit instab hati ta' diversi delitti.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Joseph Zammit, recidiv f'delitt, hati talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, l-ammont ta' liema hsara ma jiskorrix hames mitt lira, imma hu izjed minn hamsin lira.

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat w illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn seba' xhur sa tmintax-il xahar, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325(b) [illum 325(1)(b)], 49, 50, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

8. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tmien Kap illi fis-17 ta' Settembru tas-sena 2000, ghall-habta tal-hamsa w nofs ta' filghaxija, Alessandro Loporto kien ghaddej minn tas-Sliema bil-vettura tieghu ta' l-ghamla Volkswagen Golf bin-numru ta' registrazzjoni SAN-578 u ddecieda li jieqaf jixtri pakkett sigaretti. Loporto waqqaf il-karozza quddiem il-Preluna Hotel hdejn tat-taxis, halla c-cwievet go fiha, w hareg jixtri dawn-is-sigaretti. Dak il-hin kienu ghaddejin fl-akkwati l-akkuzat Joseph Zammit u xi persuni ohra li kienu mieghu. Dawn indunaw li dik il-vettura kellha c-cwievet go fiha w serquha, a dannu w kontra l-volontà ta' l-imsemmi Alessandro Loporto. Din il-vettura, li fil-mument tas-serqa kien fiha wkoll Clarion CD player, pouch b'xi tnax-il CD u ftit ghodda (liema oggetti komplessivament kienu jiswew 'l fuq minn mitt lira), kienet tiswa xi sebat-elef lira (Lm7000).

Illi b'ghemilu l-imsemmi Joseph Zammit sar hati ta' serq, liema serq hu kwalifikat bil-valur u xorta tal-haga misruqa.

Illi b'sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Joseph Zammit" tat-22 ta' Lulju, 1996 u ta' l-4 ta' Marzu, 1998, l- akkuzat Joseph Zammit instab hati ta' diversi delitti.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Joseph Zammit, recidiv f'delitt, sar hati ta' serq, liema serq hu kwalifikat bil-valur u xorta tal-haga misruqa.

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat w illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ta' tmintax-il xahar sa disa' snin, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(c)(g), 267, 271(g), 279(b), 280, 281, 49, 50, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih, b'seba' (7) voti favur u zewg (2) voti kontra sabu lill-Joseph Zammit hati skond l-Ewwel kap tal-Att tal-Akkuza pero' mhux bhala awtur izda bhala komplici.
B'seba' (7) voti favur u b'zewg (2) voti kontra sabu lil Joseph Zammit hati bhala komplici skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza, b'dana illi l-aggravanti tal-vjolenza tikkonsisti filli s-serq sar flimkien ma omicidju, ma sekwestru ta' persuna w ghax il-halliel jew hallelin ipprezentaw ruhhom armati w b'dan li l-aggravanti tal-mezz kien jikkonsisti fi ksur ta' qofol li qeghdin biex isakkru jew jerfghu fiz-zgur hwejjeg jew oggetti ohra f'kaxxex, fi sniedaq, f'armarjijiet jew recipjenti ohra w kull ksur ta' kaxxa, senduq jew recipjent iehor sahansitra jekk dan il-ksur ma sarx fil-lok fejn sar is-serq.
Bi tmin (8) voti favur u b'vot wiehed (1) kontra sabu lil Joseph Zammit hati skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza mhux bhala awtur izda bhala komplici.

Bi tmin (8) voti favur u b’vot wiehed (1) kontra sabu lil Joseph Zammit hati skond ir-Raba’ Kap tal-Att tal-Akkuza mhux bhala awtur izda bhala komplici.
Bi tmin (8) voti favur u b’vot wiehed (1) kontra sabu lil Joseph Zammit hati skond il-Hames Kap tal-Att tal-Akkuza mhux bhala awtur izda bhala komplici.
Bi tmin (8) voti favur u b’vot wiehed (1) kontra sabu lil Joseph Zammit hati skond is-Sitt Kap tal-Att tal-Akkuza mhux bhala awtur izda bhala komplici.
Bi tmin (8) voti favur u b’vot wiehed (1) kontra sabu lil Joseph Zammit hati skond is-Seba’ Kap tal-Att tal-akkuza mhux bhala awtur izda bhala komplici.
B’seba’ (7) voti favur u zewg (2) voti kontra sabu lil Joseph Zammit mhux hati skond it-Tmien Kap tal-Att tal-Akkuza.

Rat il-verdett ulterjuri tal-gurati li bih unanimament iddikjaraw lill-hati recidiv f' delitt ghall-fini tal-Kapi tal-Att tal-Akkuza kollha hlief ghat-Tmin u l-ahhar Kap.
Tiddikjara ghalhekk lill-hati Joseph Zammit , recidiv:-
1. hati skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza, mhux bhala awtur izda bhala komplici b’dana pero’ li dan ir-reat stante li huwa wkoll aggravanti tar-reat taht it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza jigi assorbit fl-istess Kap u ma jkunx hemm piena fir-rigward tieghu;

2. hati bhala komplici ta’ serq fit-18 ta’ Settembru tas-sena 2000, go Naxxar Road, San Gwann skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza, b’dana illi l-aggravanti tal-vjolenza tikkonsisti filli s-serq sar flimkien ma omicidju, ma sekwestru ta’ persuna w ghax il-halliel jew hallelinipprezentaw ruhhom armati w b’dan li l-aggravanti tal-mezz kien jikkonsisti fi ksur ta’ qofol li qeghdin biex isakkru jew jerfghu fiz-zgur hwejjeg jew oggetti ohra f’kaxex, fi sniedaq, f’armarjijiet jew recipjenti ohra w kull ksur ta’ kaxxa, senduq jew recipjent iehor sahansitra jekk dan il-ksur ma sarx fil-lok fejn sar is-serq;

3. hati bhala komplici skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza, b’dana pero’ peress li s-sekwestru ukoll kien wiehed mill-aggravanti tar-reat ta’ serq taht it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza dan ir-reat jigi assorbit ghall-fini ta’ piena

fir-reat taht it-Tielet Kap u ghalhekk ma tigix erogata piena fir-rigward ta’ dan il-Kap;

4. hati bhala komplici tar-Raba’ Kap tal-Att tal-Akkuza, b’dana pero’ illi peress li dan ir-reat serva bhala mezz ghall-fini biex setgha jigi kommess ir-reat ta’ serq aggravat taht it-Tieni Kap u partikolarment l-aggravanti ta’ l-omicidju, tas-sekwestru w li l-hallelin ipprezentaw ruhhom armati, dan ir-reat jigi ukoll assorbit fir-reat taht it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza w konsegwentement ma tigix erogata piena fir-rigward tieghu;

5. hati bhala komplici tal-Hames Kap tal-Att tal-Akkuza, b’dana li dan ir-reat huwa assorbit fir-reat taht it-Tieni Kap u ghalhekk ma tigix erogata piena separata ghalih;

6. hati bhala komplici izda mhux bhala awtur tas-Sitt Kap tal-Att tal-Akkuza;

7. hati bhala komplici izda mhux bhala awtur tas-Seba’ Kap tal-Att tal-Akkuza, b’dana peress li jesisti l-konkors formali jew idejali bejn dan ir-reat u r-reat taht it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza billi fatt uniku – l-isparatura kkagunat kemm l-omicidju kif ukoll id-danni fil-vettura w fil-bieba tal-“mailbox” tal-bank u ghalhekk ma tinghatax piena separata ghal dan ir-reat.

8. Finalment tiddikjara lil Joseph Zammit mhux hati skond it-Tmien u l-ahhar Kap tal-Att tal-Akkuza w minnu tilliberah.

Rat il-verbal tal-prosekuzzjoni w id-difiza li bih qablu li r-reati taht l-Ewwel, it-Tielet, ir-Raba’ w il-Hames Kapi tal-Att tal-Akkuza huma assorbiti taht it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza ghaliex jew jikkostitwixxu fihom infushom l-aggravanti tal-istess reat jew servew bhala mezz ghall-fini biex setgha jigi kommess dan ir-reat u li bih qablu li bejn it-Tieni w is-Seba’ Kap tal-Att tal-Akkuza hemm il-konkors formali jew idejali ghaliex fatt uniku ta lok ghal diversi reati.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Jose' Herrera, li jinsabu kollha registrati w senjatament, imma mhux biss is-segwenti :-

1. li l-verdett ma kienx unanimu w ghalhekk il-piena ta' prigunerija ghal ghomor ma kienitx tassattiva f'dan il-kaz;
2. li l-Imhallef li kien ghix il-guri w setgha japprezza sew x'kienu l-provi fil-kaz, ghalkemm kien marbut bil-verdett tal-gurati, ghandu jikkalibra' l-piena skond ic-cirkostanzi rizultanti;
3. li l-hati ma kienx il-percimes f'dan id-delitt u zgur li ma kienx hu li ghafas il-grillu tas-senter;
4. dan kien kaz ta' "hold-up which went wrong" u l-Qorti trid tara sa fejn kienet il-partecipazzjoni tal-hati;
5. li l-hati kellu hamsin sena w jekk kellha tinghata piena ta' prigunerija konsiderevoli imma mhux dik ta' ghomor il-habs kien ikun bizzejjed biex jintlahaq l-iskop tal-ligi;
6. kien minnu li l-fedina penali tal-hati mhix wahda tajba imma dan ma kellux ikun il-punt kardinali li jiddetermina l-piena.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Aaron Bugeja, li jinsabu kollha registrati w senjatament li r-reati li taghhom instab hati Zammit kienu ta' certa gravita' w li reati bhalhom kienu qed joholqu pjaga fis-socjeta' li qed nghixu fiha. Fis-sentenza taghha l-Qorti riedet tiehu konsiderazzjoni li trid twassal messagg ta' bilanc lis-socjeta' biex turi li reati ta' dan it-tip mhumiex permissibbli f'socjeta' civili specjalment meta f'dan il-kaz hemm recidivita' qawwija.

Ikkonsidrat

Illi bil-mod kif ir-reati jinsabu assorbiti fit-tieni reat ghall-fini ta' piena jew ghaliex huma jikkostitwixxu diga' wiehed mill-aggravanti tar-reat taht it-Tieni Kap, jew ghax servew bhala mezz ghall-fini biex setgha jigi kommess dan ir-reat jew inkella ghax hemm il-konkors formali jew idejali bejniethom u bejn ir-reat taht it-Tieni Kap, din il-Qorti hija

msejjha biex teroga piena biss fil-konfront tar-reati taht it-Tieni Kap u taht is-Sitt Kap tal-Att tal-Akkuza.

Illi skond l-artikolu 272 tal-Kodici Kriminali, il-hati ta’ serq li jsir flimkien ma omicidju volontarju jehel il-piena ta’ prigunerija ghall-ghomru w skond l-artikolu 43 tal-istess Kodici, l-komplici f’delitt, bhal ma hu l-hati, jehel il-piena stabilita ghall-awtur.

Illi pero’ skond l-artikolu 492 (2) tal-istess Kodici, l-Qorti tista’ taghti piena ta’ prigunerija ghal zmien li ma kienx anqas minn tnax il-sena minflok il-piena ta’ prigunerija ghal ghomor jekk, fid-dikjarazzjoni ta’ fatt li ghaliha hemm stabilita l-piena ta’ prigunerija ghal ghomor, il-voti tal-gurati ma jkunux unanimi, kif inhu f’dan il-kaz.

Illi umbaghad il-piena massima tar-reat kontemplat fis-Sitt Kap tal-Att tal-Akkuza bir-recidiva hija dik ta’ tlett snin prigunerija li bir-regolari tal-konkors tal-pieni skond l-artikolu 17(b) tal-kodici Kriminali tista’ tizdied b’terz jew nofs taghha mal-piena tar-reat l-aktar gravi.

Illi mill-ezami ta' l-fedina penali tal-hati jirrizulta li dan ghix hajja mil-aktar refrattarja. Mill-1978 'l hawn issubixxa mhux inqas minn 26 kundanna mill-Qrati ta' Gudikatura Kriminali, w dan apparti proceduri pendenti li ghandu bhal issa. Ir-reati li nstab hati taghhom ivarjaw minn ruxxmata ta' reati dwar sewqan hazin u perikoluz u reati ohra tat-traffiku ghal reati ferm serji. Hekk hu nstab hati li ffalsifika passaport, sigilli timbri jew marki ohra, ta' pussess ta' medicinali L.S.D., erba (4) darbiet ta' tentattivi ta' serq aggravat, darba minnhom minn hanut tad-deheb, erba (4) darbiet ta' serq aggravat, wiehed minnhom kontinwat, darba ta' ricettazzjoni, darba ta' danni volontarji, darba ta' pussess ta' *flicknife*, darbtejn ta' pussess tad-droga cannabis, darba minnhom addirittura fil-habs, u tlitt (3) darbiet ta' pussess ta' eroina.

Sal-lum hu gie sentenzjat ghal diversi multi, gie liberat kondizzjonatament ghal sitt (6) darbiet, gie sentenzjat ghal sentenzi ta' habs sospizi ghall-erba darbiet u gie sentenzjat ghall-piena karcerarja effettiva hames darbiet.

Minkejja li l-Qrati tawh hafna opportunitajiet li jirriforma b' liberazzjonijiet kondizzjonali jew b' sentenzi ta' prigunerija sospiza, u dan anki wara li kien gja gie sentenzjat ghall-prigunerija effettiva diversi drabi, jidher li dan ma serva ghal xejn u l-akkuzat baqa' jirranka fil-hajja kriminuza tieghu. Sahansitra mill-kommissjoni tad-delitti mertu ta' din il-kawza ' hawn u meta kien bil-liberta' provizorja kompla jwettaq reati ohra w nstab hati ta' reati serji mill-inqas erba darbiet. Hu injora ghal kollox ic-*chances* biex hu jirriforma li tawh il-Qrati tul dawn l-ahhar wiehed u tletin sena. Di fatti ir-reati li taghhom instab hati f' dan il-process gew kommessi appena hu kien ghadu kif skonta sentenza ta' prigunerija effettiva lilu moghtija fl-4 ta' Marzu, 1998. Fid-dawl ta' din il-fedina penali mill-izjed refrattarja w tar-recidiva li ma gietx minnu kontestata, din il-Qorti tara li ghalkemm fic-cirkostanzi mhux ser tapplika l-piena massima ta' ghomor ser tapplika piena karcerarja determinata ta' tletin sena ghar-reat taht it-Tieni Kap piu' l-piena massima skond ir-regola' fuq esposta ghar-reat taht is-Sitt Kap li hija ta' sena w  sitt xhur prigunerija w dana biex jigu riflessi c-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz imsemmija mill-prosekuzzjoni w mid-difiza fit-trattazzjoni taghhom.

Ghalhekk din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 31(1)(b), 42, 43, 45,  49, 50, 86, 211(1)(2), 261(a)(b)(f), 262(1)(a)(b), 263(b), 270, 272, 325(b) [illum 325(1)(b)], 492(1)(2) u 533 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-artikoli 3(1A) ta' L-Ordinanza Dwar l-Armi (Kap. 66) kif applikabbli fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reati skond l-artikoli 66 u 67 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta,  l-artikoli 24(2), 33(1) u 29 ta' l-Ordinanza Dwar l-Esplozivi (Kap. 33), tikkundanna lill-hati Joseph Zammit ghall-piena ta' prigunerija ta' wiehed u tletin (31) sena w sitt  (6) xhur li minnhom irid jinqata' kull zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni **BISS** mar-reati li tahthom instab hati llum. Inoltre tikkundannah ihallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' tlitt elef u erba' w tmenin Euro w ghoxrin centezmi (€3084.20),  import ta' kwart tal-ispejjez peritali inkorsi f' din il-kawza w cioe' tnax-il elf tlitt mija w sitta w tletin Euro w tmenin centezmi (€12,336.80), u dana in vista tal-fatt li huwa pacifiku bejn il-prosekuzzjoni w id-difiza li f'dan id-

delitt kien hemm il-ko-involviment ta' terzi persuni li ghad iridu jew jistghu jigu processati dwaru, liema spejjez peritali jekk ma jithallsux fi zmien hmistax il-gurnata mill-lum jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------